# IT-TRIQ TAGĦNA

L-ewwel żmien tal-bniedem hu marbut sfiq mal-inħawi fejn ikun trabba jew għax, u dawn ilkoll għandhom sehem kbir fit-tiswir tal-karattru tiegħu. Hekk id-dar, il-belt jew raħal fejn titwieled jibqgħu minquxin fil-moħħ bla ma jitħassru b'xejn. Kulħadd ifaħħar id-dar jew triq li jaf hu, għalkemm oħrajn jistgħu ikunu isbaħ u aħjar; u minn hekk ġejja dik il-ġibda li jiena nħoss lejn it-triq li noqgħod fiha, dik it-triq li, meta nkun nitkellem ma' ħaddieħor, insejħilha "tagħna".

Min jgħaddi l-ewwel darba mit-triq tagħna ma jistagħġibx bħal meta wieħed jara xi ħaġa ġdida li qatt ma kien jistenna. Fit-tul ma ġġibx aktar minn tlitt mitt qasba, u fil-wisa' bil-kemm tlaħħaq l-għoxrin xiber. Fuq kull naħa tara djar, biċċa qodma mibnija b'sular wieħed, bil-bieb tond u wiesa' qishom irwiemes; oħrajn m'ilhomx li nbnew, bil-gallarijiet magħluqa bl-injam waħda ħdejn l-oħra. Kull tant il-bini jaqta', u flok djar tal-ġebel tara ħitan tas-sejjieħ bil-ħaxix ħiereġ minn bejn l-ixquq. Daqsxejn ta' bankina għaddejja maż-żewġ ħitan, u t-triq maqluba għal taħtha minħabba l-ilma tax-xita biex ma jistagħdarx. Xi niċċa tal-Madonna, jew tal-qaddis tar-raħal, tidher 'l hawn u 'l hinn, u n-nies huma u għaddejjin jieqfu igħidu "Sliem għalik Sultana!" quddiemha. F'nofs it-triq dejjem tara daqsxejn taċ-ċaflis, għax in-nies tarmi barra, l-aktar fix-xitwa meta kollox jibqa' sejjer ma' l-ilma. Ma' tulek ja jum ma tarax ħlief tfal jilagħbu fit-trab jew fit-tajn, u xi omm ta' wieħed minnhom ġie li toħroġ tara binha fejn hu u mbagħad tieqaf tpaċpaċ mal-ġara u tinsa lit-tifel! Igħaddu ta' sikwit karrettuni mgħobbija biċ-ċnagen maqtu-għin mill-barriera u miġbuda minn bgħula jonfħu b'nifs qawwi u mgħaġġel, u l-ħsejjes tqal tagħhom iriegħdu d-djar u jħallu aktar minn ħofra waħda fit-triq. Tisma' ta' kuljum l-agħjat tal-bejjiegħha taħt it-twieqi, it-tgergir u tpaċpiċ tan-nisa li jkunu qegħdin jixtru, flimkien mat-tħanxir tas-serrieq tal-mastrudaxxa u d-daqqiet fuq l-inkwina tal-ħaddied.

It-triq tagħna! Liema tifkiriet igħaddu minn quddiem moħħi għal dawn il-kelmiet! Bilkemm hemm roqgħa waħda biss mit-triq kollha li ma naqrax fiha paġna minn ħajti. Kien f'din it-triq li jien għall-ewwel darba bdejt nara d-dawl tax-xemx u l-ikħal tas-sema fuq rasi; li jien bdejt nagħraf insejjaħ il-ħwejjeġ b'isimhom sew. B'liema għaġba kienu jimlewni d-dehriet ta' madwari! Hawnhekk tara ċ-ċumnija tal-forn, bid-

duħħan iswed ħiereġ minnha, u jiena, tfajjel beżgħan, kont noqgħod inħares lejh imwerwer, bil-ħarsa mistagħġba u mfixkla... hemmhekk issib dik id-dar tal-bieb wiesa', b'erba tarġiet, dejjem battala għax igħidu li fiha jaraw il-ħares .. u mbagħad hemm is-sqaqijiet, mudlama u magħwġa, fejn konna nistaħbew u nilgħabu "Twila-la"... Għal min trabba u kiber fiha, it-triq tagħna tqanqal it-tifkira ta' bosta ħwejjeġ, illum mitlufa. Ma tibqax iżjed biċċa triq imdawwra fuq kull ġenb bi djar mibnija bil-ġebel u bit-tajn; imma ssir ġabra ta' ħolm imżewwaq, u sensiela ta' tifkiriet ta' elf ħaġa li kienu u li qatt ma jerġgħu jiġu. Igħaddi ż-żmien, imutu n-nies, iżda la ż-żmien u l-anqas ebda tibdil ma jikser is-seħer ta' din it-triq.

Xi ngħidu mbagħad għan-nies li joqogħdu f'din il-ħara ! Kollha dħulin u l-biċċa l-kbira jiġu minn xulxin; igħixu lkoll qishom f'dar waħda, għax it-triq qisha l-bitħa ta' kulħadd. Hawnhekk joqgħod Toni, jaħdem it-Tarzna, għandu n-namra tal-agħsafar u l-klieb, u fis-sajf dejjem jagħmel għarix tal-qasab jew tat-tiben fuq il-bejt biex jorqod għas-sried; hemm joqgħod Cikku, maħruġ bis-sittin, il-gost tiegħu jdoqq il-mandolina jew il-vjolin, jew inkella jitħarreġ fuq il-klarinett, billi mdaħħal fil-banda tar-raħal ukoll. 'Il fuq issib 'l Ġanni, bil-ħanut tat-tè u tax-xorb, għandu ħanut nadif xummiema, u mgħammar sewwa bin-niès li fil-għaxija jiltaqgħu jieħdu qatra u jbillu griżmejhom qabel jidħlu jorqdu; 'l isfel tara 'l Żeppi tal-għamara, ibigħ għamara qadima, ġlekkijiet, żraben, kalzetti u qliezet tas-suldati, flanelli u drappijiet t'abbord, ħbula, qniepen, arloġġi qodma, inċrajjet, inkwatri mlaqqta nofshom mikula bil-kamla, kif ukoll xi għodda tal-ħadid jew karrozzi tat-trabi msewwija. Barra minn dawn, hemm is-surġent, tal-ittri, l-im-għallem tat-toroq u bosta oħrajn li lkoll flimkien jagħmlu għadd ġmielu ta' laqmijiet u ismijiet.

Mhix mis-sbieħ it-triq tagħna, imma fil-Ħdud u l-festi tiegħu bixra oħra; tidher aktar mimlija bin-nies, aktar ħajja. Tara n-nies imbiddla għaddejja għall-quddies; it-tfal joħorġu jimxu mal-missier u n-nisa jidhru bl-aħjar ilbies tagħhom. Fil-għodu jgħaddi l-kappillan minn mat-triqat, jiġbor għall-festa jew għall-Erwieħ, b'tifel quddiemu jċempel qanpiena tal-idejn u jgħajjat li ġejjin jiġbru "għall-festa tal-qaddis tagħna". Xi wieħed bil-kaxxa tad-daqq igħaddi wkoll, isemma' erba' daqqiet sakemm ilaqqat xi sold fil-plattin, u wara erħilu jitlaq jiġri u jogħla, iċekċek is-sold mal-plattin, waqt li t-tfal imdawwrin miegħu jħarsu lejn il-kaxxa u lejn dawk l-istatwi ta' fuqha lebsin ta' Torok li jidhru jduru u jiżfnu mal-mixja tad-daqqa.

Biex in-nies ma jonqoshom xejn, jiġi ta' kull nhar ta' Ħadd wieħed xiħ, bil-karettun tal-ideja quddiemu; in-nies iduru miegħu biex jagħżlu, min qorq jew żarbun, min qmis jew berritta, u min biċċa drapp tal-Indjana biex jagħmel libsa minnha. U x-xiħ il-ħin kolla jgħajjat, b'leħen irqiq u jwassal "Ara x'għandu llum! Kalzetti tal-ħarir fin! Kollox b'irħis! Qomos u flokkijiet għar-rġiel! Ara x'ġibtilkom jien! Kemm għandi affarijiet sbieħ!"

Din hija t-triq tagħna, u ħadd minna ma jixtieq jitlaq minn ġo fiha. Kulħadd jaf li hemm triqat oħra isbaħ u ikbar, imma ħadd ma jrid jibdel il-kenn u l-wens ta' dawn! Inħawi magħrufa mal-kobor u l-wisa' ta' triq ġdida. Barra dan, il-ħwejjeġ li semmejna ntisġu hekk sfiq ma' ħajjitna li saru biċċa minna nfusna ujagħmlu t-triq tabilħaqq "tagħna". L-ebda triq oħra ma jista' jkollha għalina dik it-tifsira sħiħa li aħna nifhmu bil-kelmiet "it-triq tagħna".

G. CASSAR PULLICINO